# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

**L-Erbgħa 17 ta' Mejju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Kasy Mercieca – Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 66

66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 65 – 8;

66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

66.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

66.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju;

66.6 Rapport tal-ewwel kwart Jannar – Marzu 2017;

66.7 Ilmenti u Suġġerimenti;

66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 5/2017;

65.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 66.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

66.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru 65 – 8

66.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 65 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1 Is-Sindku staqsa sa meta is-Sinjura Kasy Mercieca għad fadlilha bħala Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ u hi wieġbet li sa Awwissu. Għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex joħroġ l-avviżi biex il-Kunsill ikollu Ambaxxatur/Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ ġdid/a.

66.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivitajiet b'konnesjoni ma' Jum Sannat saru kollha b'suċċess. Kien hemm qbil mill-Kunsillieri dwar dan. Is-Sindku f'isem il-Kunsill qal li hu rringrazzja lill-Arċipriet ta' l-għajnuna billi hu avża dwar dan il-jum hekk signifikanti Jum Sannat u Jum il-Parroċċa.

66.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-ħruq tan-nar tal-festa ta' San Pawl Nawfragu mill-konfini Ta' Sannat, il-Parroċċa tal-Munxar nfurmat lill-Kunsill permezz ta' ittra datata 25 ta' April 2017 u li din l-ittra l-Kunsill irċevija bil-posta nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju 2017. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma mill-ewwel lis-Sindku u lill-Avukat tal-Kunsill fejn il-Kunsill bgħat ir-risposta b'ittra u permeż ta' imejl, bil-kundizzjonijiet rikjesti biex jingħata l-permess għal dan il-għan. Fl-ittra l-Kunsill talab li jekk il-Kunsill ma jirċevix lura mingħandhom dawk il-kundizzjonijiet rikjesti sa nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2017, il-Kunsill sejjer jirtira kwalunkwe approvazzjoni. Is-Sindku qara din l-ittra li ntbgħatet.

66.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Traffic Management kif kien propost mill-Kunsill intlaqa' minn Transport Malta u rigward Pjazza Santa Margerita ġie approvat temporanjament dan sa kemm jiġi approvat il-masterplan mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Għalhekk bdew ix-xogħolijiet fuq iż-żebgħa tal-art fi Triq Ta' Ċenċ u li ser jitkompla fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill ġie infurmat li z-zebra crossing tal-Pjazza Santa Margerita ma tistax tinżebaħ kif propost, dan għaliex iridu jeħlu l-pelikan lights u jiġu rranġati l-bankini. Is-Sindku qal li ġie mitlub minn diversi residenti li jgħamlu wżu mis-servizz tat-transport pubbliku biex fejn il-bus stop tal-junction Triq Ċenċ, Triq Marsilja u Triq Dun Luqa titwessa l-bankina kif pjanat u jitwaħħal bank u pot b'xitla. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

66.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivita' tal-Car Show b'risq Puttinu Cares li kellha issir nhar il-Ħadd 11 ta' Ġunju 2017 ser tiġi sospiża għal ġurnata oħra, dan minħabba l-Elezzjoni Ġenerali. Is-sotto-kumitat qed jissuġġerixxi li din l-attivita ssir nhar il-Hadd 4 ta' Lulju 2017.

66.3.6 Is-Sindku qal li hu flimkien ma Mons Anton Mizzi attendew għaċ-ċerimonja ta' Premju Frans Sammut – 2016, is-Sindku qal li għalkemm il-Kunsill ma rebaħx bin-nomina tieghu din kienet esperjenza sabiħa. Is-Sindku qal li l-preżentatur is-Sur Keith Demicoli faħħar ħafna l-

inizjattiva li ħa l-Kunsill Lokali Ta' Sannat u qal li kien l-ewwel Kunsill minn Għawdex li pparteċipa.

66.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-Kuntratt tal-UIF Planning Authority, qed nippruvaw ngħalqu dan il-kuntratt biex il-Kunsill jiġbor il-fondi rikjesti. Hu qal li ssa nbidlu l-policies tal-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li bħal issa f'dan il-fond hemm l-ammont ta' €31850.21ċ.

66.3.8 Is-Sindku qal li dwar Miżura 4.3 'The enhancement/improvement of farm access roads' il-Kunsill se japplika wkoll għal sqaq Dun Anastas fi Triq Ta' Ċenċ. Għalhekk il-perit intalab biex jgħamel mill-ġdid l-istima ta' dan l-isqaq. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li dawn it-toroq isiru dejjem jekk ikun hemm approvazzjoni mill-fondi tal-ko-finanzjament.

## 66.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

66.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li rċieva minn National Audit Office, l-Audit report u l-Financial Statment tal-Kunsill għas-sena 2016. Il-Kunsill bil-għajnuna tal-accountant kiteb ir-risposta (Management Letter) dwar dan biex tintbgħat fiż-żmien stipulat. Din ir-risposta ġiet iċċirkulata lill-Kunsillieri permezz tal-imejl u f'din il-laqgħa ġiet approvata.

66.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill rigward l-ispezzjoni tal-bini tal-uffiċċju mill-Awtorita għas-Saħħa u s-Siġurta fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) biex isir Risk Assesment. Il-Kunsill talab kwotazzjoni mingħand Shield Consultants għal prezz ta' €413. Il-Kunsill qabel ma dan.

66.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'żewġ Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 11/2017 | Irtirar mix-Xogħol minħabba l-Eta' Pensjonabbli |
| Nru. 12/2017 | Parteċipazzjoni fil-Politika u Komunikazzjoni mal-Media |
| Nru. 13/2017 | Inzjattiva Finanzjarja – Local Government Community Innovation Fund (CIF) |

## 65.5 Ħatra ta' Deputat Segretarju

65.5.1 Wara li l-Kunsill kien innomina lis-Sur Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Ix-Xagħra bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv u dan ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv permezz ta' imejl. Is-Sur Attard kiteb lura fejn irringrazzja lill-Kunsill għal din il-kariga imma ma aċċettax din in-nomina minħabba impenji oħra u għalhekk irrifjuta din il-kariga. B'hekk il-Kunsill Lokali nnomina lis-Sinjura Sarah Formosa bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv mill-lista tal-pool u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jara jekk is-Sinjura Formosa hux ser taċċetta din il-kariga u jekk taċċetta jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'dan.

## 66.6 Rapport tal-ewwel kwart Jannar – Marzu 2017

66.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-ewwel kwart Jannar – Marzu 2017. Il-Kunsill qabel ma dan.

*Fis-2.16 il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana daħlet għall-laqgħa tal-Kunsill. Hi talbet skuża u qalet li ma setgħatx tagħmel mod ieħor biex tkun fil-ħin*.

## 66.7 Ilmenti u Suġġerimenti

65.9.1 Marilyn Grima ta' Triq Qortina qed tilmenta li f'istess triq hemm ħajt b'rampa miegħu qrib id-dar tagħha biex dan jerġa jinbena. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-MGOZ.

65.9.2 Mario Agius ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942 qed jitlob li tinbidel il-bankina b'madum griż peress li dik li hemm hi miksura u kerha. Il-Kunsill qabel li din tinbidel.

65.9.3 J. Tumath ta' Triq il-Kbira qed jitlob biex is-siġar tal-ficus quddiem ir-residenza tiegħu jinżabru. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u semmha wkoll biex is-siġra tal-ficus fi Triq Marsilja kantuniera ma Triq Durell ukoll tiġi miżbura.

65.9.4 Fortun Schembri, Margaret Mercieca u Colin Best ta' Triq Ċenċ qed jitlobu biex l-ewwel parking bay ta' quddiem l-isqaq tad-djar tagħhom jitneħħa biex il-vetturi jkunu jistgħu jidhlu u joħorġu fil-kumdita. Dan għandu jintalab biex jitneħħa.

65.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li reġa ġie avviċinat mis-Sur Mark Magro wara li saret l-esebizzjoni bl-isem ta' Forgotton Landscapes, nhar is-16 ta' Frar 2017 f'Saint James Cavalier li l-pittura tal-pompa tal-wied f'Mġarr ix-Xini tinsab għal bejgħ għall-prezz speċjali ta' €1475 minflok €1770 u li ssa din il-pittura il-prezz tagħha reġa ġie mraħħas għal prezz ta' €700.

65.9.6 John Lanzon ta' Triq Dun Luqa qed jitlob biex fi Triq Ta' Ċenċ issir give way fejn hemm il-bus stop. Dan it-traffic management f'dan il-junction sar matul din il-ġimgħa kif kien approvat minn Transport Malta.

65.9.7 Marthianne Micallef minn San Lawrenż qed titlob permess biex fit-28 ta' Lulju 2018 isir riċeviment tat-tieġ fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill qal li dan il-permess joħroġ biss, suġġet għal permess mill-Planning Authority u jekk il-Bye Law tal-Kunsill tkun fis-seħħ iridu jitħallsu l-ispejjeż relatati skond il-Bye Law.

65.9.8 Is-Sindku qal li l-Għaqda tal-Armar tal-festa talbet lill-Kunsill biex isiru 12 il-toqba tal-arbli fi Triq Ta' Ċenċ bi trapan apposta biex ma ssirx ħsara lill-wiċċ ta' triq dan peress li l-ħaddiema tal-MGOZ qalu li ma għandhomx l-apparat rikjest biex isir xogħol pulit. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jara minn għandu dan il-makkinarju biex isiru dawn it-toqob u jara kemm ser jiġu l-waħda.

65.9.9 Il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana ppreżentat 4 kopji tal-ktieb bl-isem "Karattri 'il hinn mix-xbieha 'il hinn mil-lingwaġġ" li ġie ppublikat mill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Tnejn minn dawn il-kotba se jgħaddu lill-librerija lokai u t-tnejn l-oħra se jinżammu fil-Kunsill.

65.9.10 Il-Kunsillier Joe Bajada talab biex id-double yellow lines ta' quddiem il-ġibjun fi Triq il-Kbira jitwalu.

## 66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

66.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 5/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 66.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

66.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.30p.m.u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 14 ta' Ġunju 2017

**(iffirmata)**

Philip Vella
Sindku

**(iffirmata)**

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv